# Il-Qima lejn San Ġużepp fil-Pittura u l-Istatwi fil-Knejjes tar-Rabat ta' Għawdex

~ ~ ~



Kitba tal-
*Kan. Dun Nikola Vella Apap*

## Fil-Knisja u Mużew tal-Katidral

Waħda mill-erba' kappelli li jiġu mal-korsija tal-Knisja Katidrali hija meqjuma lil San Ġużepp. Il-kwadru huwa kopja fidila ta' dak tad-Domenichino (1581-1641). Kien impitter mill-pittur Mikiel Busuttil (Seklu XVIII). Dan il-kwadru kien ġie mogħti lill-Knisja Katidrali mis-Sur Lwigi Busuttil li kien jiġi mill-pittur Mikiel Busuttil. Dan, kien għamel patt lill-Kapitlu tal-Katidral li meta jmut hu u martu Emilia li jekk il-kadavru tagħhom jiġi akkumpanjat mill-Kapitlu, l-kwadru tal-Ħarba ta' San Ġużepp jiġi mogħti li din il-Knisja. F'dan il-kwadru hemm din il-kitba: "Ex Devotione Aloysii Busuttil". F'din il-kappella taħt tnejn mill-arkaturi magħluqa nsibu żewġ xeni b'pittura qadima. Waħda minnhom turi d-dehra ta' l-Anġlu lil San Ġużepp biex jaħrab lejn l-Eġittu bil-Madonna u bil-Bambin. [1]

Il-koppletta ta' din il-kappella kienet impittra mill-pittur Għawdxi-Rabti l-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi. Kienet ġiet mikxufa fl-okkażjoni taż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni f'Għawdex, is-Sibt 26 ta' Mejju 1990. [2]

Fis-saqaf tal-Knisja Katidrali mis-sitt kwadri pittura tal-pittur Bormliż Ġanni Vella (1885-1977), impittrin fl-1914 f'erbgħa minnhom insibu ix-xbieha ta' San Ġużepp. Hekk ukoll fl-abside (arzella) tal-kor hemm ix-xbieha ta' San Ġużepp. Il-pittura tas-saqaf tal-Knisja Katidrali hija kollha tal-pittur Ġanni Vella u kien ħallas għaliha kollha l-Isqof Djoċesan Mons. Gann. Marija Camilleri Agostinjan. [3]

Fis-sagristija ta' din il-Knisja nsibu żewġ kwadri ta' San Ġużepp. Wieħed juri l-mewt ta' dan il-qaddis li kien restawrat ftit tas-snin ilu, u l-ieħor dak tal-Maġi, li fih hemm ukoll ix-xbieha ta' San Ġużepp. Dan ta' l-Aħħar jinsab fuq il-bieb li jagħti għall-l Awla Kapitulari (Il-Ġdida). Fil-kappella ta' l-Oratorju ta' din il-Knisja nsibu kwadru żgħir ta' San Ġużepp li kien ġie wkoll restawrat..[4]

Fil-Mużew tal-Knisja Katidrali hemm ukoll żewġ kwadri ta' San Ġużepp, wieħed żgħir, u l-ieħor ikbar. Dawn juru l-Ħarba ta' San Ġużepp bil-Madonna u l-Bambin lejn l-Eġittu.

L-istatwa ta' San Ġużepp li tinsab fis-sagrestija tal-qassisin kienet saret f'Bolzano. Hija xogħol fl-injam u nġabet f'Għawdex fit-3 ta' Ottubru tal-1958.[5]

## Il-Kappell ta' San Ġużepp ta' fuq is-Sur

Ġewwa ċ-Ċittadella fuq il-ġenb tat-tramuntana tal-Knisja Katidrali nsibu l-kappella ta' San Ġużepp. Il-kwadru ta' din il-kappella sabiħa tpitter reċenti, u pittru l-pittur Vincenzu Cordina mir-Rabat ta' Għawdex.

## Fil-Knisja Arċipretali, Bażilika, u Kolleġġjata ta' San Ġorġ

Il-kwadru tas-Sagra Familja li fih ix-xbieha ta' San Ġużepp huwa opra sabiħa tal-pittur Malti-Belti l-Profs. Ġużeppi Cali' (1846-1930). Kien tpoġġa fuq l-artal fit-23 ta' Jannar tal-1905. Kien imħallas minn Marija Agius waħda mill-ewwel sorijiet tal-Komunita' Reliġjuża tat-Terz'Ordni ta' San Franġisk ta' din il-belt [6]. L-istatwa hija xogħol l-istatwarju Għawdxi-Rabti Agostino Camilleri (1885-1979). Fil-15 ta' Ġunju tal-1924 kienet ġiet meħuda mill-Knisja ta' San Franġisk għall-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. Kien ħallas għaliha Lwigi Zammit (Tal-Marden) mir-Rabat ta' Għawdex. L-ewwel festa kienet saret il-Ħadd 4 ta' Mejju tal-1925. [7]

Fl-Oratorju tal-Bażilika-Kolleġġjata ta' San Ġorġ nsibu l-kwadru tal-Madonna tad-Dawl, magħruf bħala ta' San Ġużepp "Tas-Suq". Dan il-kwadru huwa tal-pittur Malti Gio-Nikol Buhagiar. (T.1670). Sas-sena 1959 dan il-kwadru artistiku kien fil-kappella ta' San Ġużepp tas-Suq, knisja filjali tal-Parroċċa ta' San Ġorġ.[8] F'dan l-Oratorju nsibu wkoll kwadru żgħir sabiħ tas-Sagra Familja. F'dan il-kwadru artistiku mpitter f'Ruma kien ġie mogħti minn Patri Tormelli S.J. lil Mons Isqof Mikiel F. Buttigieg fl-1863 fl-okkażjoni tal-Konsagrazzjoni Episkopali tiegħu. [9] Fl-istess Oratorju nsibu kwadru ovali qadim ta' San Ġużepp. Kien ġie restawrat fi żmien l-Arċipriet Alfonsu

M. Hili Prel. Dom. (1917-1943) mill-pittur Profs. Ġużeppi Calì'.[10]

Fl-Abside (Arzella) tal-Kor impittra fl-1953 mill-pittur Ruman Profs. Gann Battista Conti (1878-1971) nsibu wkoll ix-xbieha ta' San Ġużepp.[11]

F'waħda min-niċeċ tan-navi ta' din il-Bażilika, dik tan-naħa tal-punent insibu statwa artistika ta' San Ġużepp xogħol l-istatwarju Għawdxi-Rabti Alfred Camilleri Cauchi. Kienet waslet il-Ġimgħa 17 ta' Lulju tal-1992. Tpoġġiet f'postha dak in-nhar stess fil-għaxija. Kienet ġiet imbierka ma' l-oħra pariġġa ta' Marija Immakulata lejlet il-festa ta' San Ġorġ, is-Sibt 18 ta' Lulju 1992 mill-Isqof Djoċesan Mons. Nikol G. Cauchi. Ħallas għal din l-istatwa l-Ambaxxatur għall-Vatikan Dr. Cachia Zammit miż-Żejtun, Malta benefattur tal-Bażilika ta' San Ġorġ.[12]

Fil-Koppletta tal-kappella ta' San Ġużepp insibu erba' kwadri tal-mużajk li juru xeni mill-ħajja ta' San Ġużepp u l-Madonna. Kienu tpoġġew f'posthom fil-21 ta' Novembru tal-1985.[13]

## Fil-Knisja u l-Kunvent ta' Santu Wistin

Fis-sena 1888 fil-Knisja ta' Santu Wistin tpoġġa kwadru ġdid tas-Sagra Familja opra tal-pittur Taljan Tito Troja. Kien ħallas għalih il-Patri Baċċ. Emanuele Abela. Dan il-kwadru sar flok ieħor li juri l-Mewt ta' San Ġużepp, li llum jinsab fil-Knisja ta' San Franġisk fir-Rabat ta' Għawdex.[14] Fil-kuridur tal-kunvent insibu kwadru żgħir li juri l-Ħarba ta' San Ġużepp fl-Eġittu. Huwa kopja tad-Domenichino.

## Fil-Knisja u l-Kunvent ta' San Franġisk

F'April tas-sena 1893 kien tneħħa minn fuq l-artal li jiġi l-ewwel wieħed fuq il-lemin inti u dieħel fil-knisja l-kwadru tal-Beatu Salvatore minn Orta. Floku kien tpoġġa l-kwadru sabiħ u artistiku li juri l-Mewt ta' San Ġużepp mogħti mill-Patrijiet Agostinjani lil din il-knisja ta' din il-Belt.[15] Il-vara sabiħa u artistika ta' San Ġużepp saret fil-Fabrika "Galard" ta' Marsilja u miġjuba fl-1896. Kienet





ġiet imbierka mill-Isqof Djoċesan Ġann Marija Camilleri Agostinjan fil-knisja ta' San Ġakbu Appostlu fil-15 ta' Marzu tal-1896.[16]

Fil-Mużew tal-kunvent insibu kwadru żgħir tat-Twelid ta' Ġesu' Kristu fejn hemm ix-xbieha ta' San Ġużepp.

## Fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja

F'waħda mill-kappelli ta' ħdejn l-artal maġġur (quddiem dak tas-SS.mu Sagrament fejn f'niċċa hemm il-Kurċifiss mirakoluż) hemm vara ta' San Ġużepp bil-Bambin Ġesu' wieqaf b'salib żgħir f'idejh f'niċċa mħaffra fil-ħajt. Din il-vara kien ħallas għaliha n-Neguzjant "Balbi".[17]

## Fil-Knisja tat-Twelid tal-Madonna "Vulgo" ta' Savina

F'dan is-Santwarju Marjan u qadim fir-Rabat insibu wkoll kwadru ta' San Ġużepp. Huwa xogħol tal-pittur Għawdxi l-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi. Sar fi żmien ir-Rettur preżenti Mons. Profs. l-Arċidjaknu Ġanni Bosco Gauci.[18]

## Fil-Knisja ta' San Ġakbu Appostlu

Fil-Knisja ta' San Gakbu li tinsab f'misraħ Indipendenza (It-Tokk) insibu statwa żgħira ta' San Ġużepp xogħol ta' Spanja. Kien ħa ħsieb jixtriha r-Rettur ta' din il-knisja Mons. Ġużeppi Farrugia Vella.

## Fil-Knisja tas-Sorijiet Franġiskani

Fil-Knisja tas-Sorijiet Franġiskani ta' Triq Palma nsibu kwadru sabiħ ta' San Ġużepp opra tal-pittur Roman Bruschi. Kien ġie mbierek ma' dak ta' San Franġisk t'Assisi (li huwa wkoll ta' l-istess pittur) fl-24 ta' Diċembru tal-1893 mill-Isqof Mons. Ġann Marija Camilleri Agostinjan.[19]

## Fil-Knisja tas-Sorijiet Dumnikani u l-Kunvent tagħhom

Il-kwadru ovali ta' San Ġużepp 'sotto kwadru' taħt il-kwadru ta' San Vinċenz Ferreri Dumnikan huwa opra sabiħa tal-pittur Malti-Żebbuġi Lazzru Pisani (1856-1932). Kien tpoġġa f'postu f'Settembru tal-1900.[20] Fil-kuritur tal-kunvent f'niċċa nsibu statwa mdaqqsa ta' San Ġużepp xogħol l-istatwarju Għawdxi Gostino Camilleri P.E.P.

## Fid-Dar ta' l-Irtiri "sive" Manresa

Fis-sagrestija ta' ma' ġenb il-knisja nsibu kwadru kbir li juri l-Mewt ta' San Ġużepp. Dan il-kwadru proviżjonalment kien misluf lill-Knisja Parrokkjali tal-Qala fi żmien il-Kappillan Dun Ġwann Saliba (1891-1919). Kien dam sas-sena 1899. Fit-18 ta' Settembru tal-1899 wasal il-kwadru titulari ġdid dak tal-lum xogħol tal-pittur il-Profs. Ġużeppi Calì'. (21) Fil-kuridur ta' din id-Dar ta' l-Irtiri dak li jieħu lejn ir-Refettorju hemm kwadru żgħir tal-Ħarba fl-Eġittu ta' San Ġużepp kopja wkoll tad-Domenichino. Fil Knisja fuq l-artal ta' San Pawl l-Eremit hemm kwadru żgħir ta' San Ġużepp kopja wkoll tad-Domenichino. Fil-Knisja fuq l-artal ta' San Pawl l-Eremit hemm kwadru żgħir ta' San Ġużepp kopja tal-

kwadru titulari tal-Knisja Arċipretali tal-Qala.

### Fil-Knisja tal-Lunzjata

Fil-Knisja tal-Madonna tal-Lunzjata limiti tar-Rabat ta' Għawdex insibu statwa ta' San Ġużepp. Hija xogħol l-istatwarju Agostino Camilleri. Din l-istatwa darba kienet fil-kappella ta' San Ġużepp "Tas-Suq". Kienet saret fl-1922 f'żmien li kien Rettur ta' din il-kappella Mons. Karmelu Hili (1812-1956). Qabel din l-istatwa kien hemm oħra u l-Bambin kien bil-wieqfa u mlibbes il-ħarir.

### Fil-Kappella tas-Seminarju

Fil-Kappella tas-Seminarju, dik t'isfel insibu statwa sabiħa ta' San Ġużepp. Hija xogħol fil-kartapesta u saret f'Lecce fl-Italja f'żmien li kien Rettur tas-Seminarju Mons. Alfonsu Marija Hili (1910-1914). F'kwadru kbir li juri t-Twelid ta' Ġesu' Bambin magħruf bħala l-kwadru "Tat-Tiġieġa" għax fih hemm impittra 'tiġieġa' nsibu wkoll ix-xbieha ta' San Ġużepp. Dan il-kwadru jinsab fil-kuridur li jieħu lejn ir-Refettorju.

F'dan l-aħħar tagħrif dwar il-qaddis San Ġużepp ir-Raġel 'Ġust' ta' Marija, u l-Missier Putattiv ta' Ġesù Kristu niġu fit-tmiem ta' dan l-artiklu storiku u artistiku dwar San Ġużepp fl-arti nisranija li jgawdi fil-knejjes tar-Rabat ta' Għawdex.





Riferenzi

1 Kan. Dun Nikol Vella Apap. Storja tal-Knisja f'Għawdex. Ms. Vol III p. 38.
2 Kan. Dun Nikol Vila Apap. "Kronaka" Ms. Vol. 22 pp. 205, 206.
3 Kan. Dun Nikol Vella Apap. Storja tal-Knisja f'Għawdex. Ms. Vol. III p. 40.
4 Tagħrif mogħti lili verbalment minn Mons. Ġużeppi Gauci l-Erbgħa 22 ta' Novembru 1995.
5 Kan. Dun Nikol Vella Apap. Kitbiet Storiċi Fuq Għawdex. Ms. Vol. I. (Kronoloġija t'Għawdex. Ms. Vol. III.)
6 Kan. Dun Nikol Vella Apap. Storja tal-Knisja f'Għawdex. Ms. Vol. II p. 1.
7 L-Istess. Vol. III p. 87.
8 Achille Ferres. Descrizione Storica Delle Chiese Di Malta E Gozo. (1866). p. 561.
9 Kan. Dun Nikol Vella Apap. Storja tal-Knisja f'Għawdex. Ms. Vol. V. p. 3.
10 L-Istess. Vol. III p. 139.
11 L-Istess. Vol. III p. 43.
12 Kan. Dun Nikol Vella Apap. "Kronaka" Ms. Vol. 25 pp. 202, 203, 206.
13 L-Istess. Vol. 15. p. 68.
14 Kan. Dun Nikol Vella Apap. Storja tal-Knisja f'Għawdex. Ms. Vol. III p.180.
15 L-Istess. Vol. IV. p. 358.
16 L-Istess. Vol. IV. p. 353.
17 L-Istess. Vol. IV. p 21.
18 Tagħrif mogħti lil verbalment minn Mons Ġużeppi Gauci l-Erbgħa 22 ta' Novembru 1995.
19 Kan. Dun Nikol Vella Apap. Storja tal-Knisja f'Għawdex. Ms. Vol. V. p. 27.
20 L-Istess. Vol. V. p. 11.
21 Kan. Dun Nikol Vella Apap. Il-Kappillani tal-Qala. Ġrajja u Ħidma. Ms. Vol. VIII. pp. 49, 50.

**Jekk int veru Ġużeppin, ersaq għall-qrar u t-tqarbin.**

SCERRI Photo Studio
52, Palm Str, Victoria, Gozo
Tel. 553654

→ 1 Hour Film DEVELOPING & PRINTING
→ FREE Film
→ Professional Photography in Video & Flash for all Occasions
→ Albums, Frames, Cameras
→ Audio & Video Tapes

→ COLOUR SEPARATIONS
(No more need to go over to Malta)
→ Digital Scanning
→ Poster Design
→ Magazine Layout
→ Photocopy Service